# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024**

**Numru 8**

**Rikors Numru 227/21TA**

**Roderick Muscat Hili (Karta ta' l-Identita' Numru 0232183M)**

**vs**

**Glen Carabott (Karta ta' l-Identita' Numru 357480M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Rodrick Muscat (l-Attur) tal-11 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi fit-30 ta' Awissu 2016 l-intimat kien dahal f'kirja tal-fond urban, ossija propjeta kummercjali bl-isem ta' The Birdcage, fi Triq il-Kbira, Rabat, Malta.

2. Illi minn naha tieghu l-esponenti kien miftiehem ma' l-intimat illi l-operazzjoni ta' dan il-fond kummercjali ossia Bar and Lounge, kellha titmexxa bi shab bejniethom.

3. Illi ghalhekk il-licenzji, permessi u r-registrazzjoni tan-Numru tal-VAT fost affarijiet ohra kellhom ikunu fuq isem l-attur.

4. Illi apparti minn hekk l-attur kien hareg ukoll somom sostanzjali ta' flus sabiex hekk tkun tista' tinbeda l-operazzjoni kummercali u jinxtara anke l-istock fost affarijiet u xoghlijiet ohra li l-esponenti ikkontribwixxa bi shih fihom.

5. Illi madwar sentejn biss wara li bdew joperaw il-hanut imsemmi, wara disgwid li inqala' l-istess konvenut beda jaqla' il-barra lill-attur minn negozju sakemm bl-aktar mod abbuziv u illegali biddel is-serratura tal-bieb ta' l-istess hanut.

6. Illi ghalhekk il-konvenut spicca barra mill-operazzjoni u konsegwentement sofra u ghadu isofri danni kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur huwa baqa' inadempjenti.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi, l-attur qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni ohra mehtiega skond il-ligi:-

1. Tiddikjara illi l-partijiet kienu shab flimkien fl-operazzjoni tal-hanut The Birdcage, Triq il-Kbira, Rabat.

2. Tiddikjara illi l-konvenut b'mod abbuziv u illegali kien ittermina tali ftehim.

3. Tiddikjara li l-attur ghad ghandu jircievi flejjes minghand il-konvenut ghal sehmu fin-negozju.

4. Tiddikjara illi konsegwenti ghal dan l-agir abbuziv u illegali da parti ta l-istess konvenut fil-konfront ta' l-attur, il-konvenut sofra u ghadu isofri danni.

5. Tillikwida dawn id-danni u kwalunkwe somma flus ohra dovuta lilu skont it-tielet u r-raba' talba okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni azzjoni ohra spettanti lill-attur skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-10 ta' Mejju 2021 ta' Glen Carabott (il-konvenut) tal-10 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"1. Illi primarjament, l-eccipjenti jirrileva li t-talbiet kif rivolti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li ma kien hemm l-ebda ftehim in iskritt bejn l-istess partijiet.

2. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghal premess, l-eccipjenti ma ttermina l-ebda ftehim, u kien proprju l-istess rikorrenti li abbanduna kull relazzjoni li se mai kien hemm bejn il-partijiet.

3. Illi in vista tal-premess, it-talbiet ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni u kif rivolti fil-konfront ta' l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti li hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda imressqa fil-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-intimat daħal f'kirja tal-fond bl-isem ta' The Birdcage fi Triq il-Kbira, Rabat, Malta. L-Attur isostni li minn hawn kellha tiġi operata attivita' kummerċjali bi sħab mal-konvenut u l-qliegħ kellu jinqasam nofs bin-nofs. L-attur irreġistra għall-Vat għaliex skont il-Konvenut dan ma setax jagħmlu għax kien Pulizija.

**2.** L-Attur għamel il-parti tiegħu bħala kok u saħansitra kienu jgħinuh il-ġenituri pro bono mentri il-konvenut kien jieħu ħsieb il-Bar. Fl-aħħar tal-ġurnata l-flus kien jiġborhom il-konvenut.

**3.** Tul kemm dam jopera dan il-ħanut, l-Attur mhux biss ħareġ il-flus iżda qatt ma daħħal xejn sakemm il-konvenut biddel is-serraturi kollha tal-post u qala' lill Attur barra. Di piu; il-konvenut għamel dejn kemm ma' fornituri u anke baqa' lura fil-ħlas tal-kera.

**4.** L-attur qiegħed jagħmel din il-Kawża għad-danni.

**Punti ta' Liġi**

**5.** Artikoli 1031 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. U artikolu 1033 tal-istesss Kodiċi ikompli għid li "*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk*". (Emfażi tal-Qorti)

**6.** Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza taghna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara **- Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

**7.** Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi "*l-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**8.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza mal-prevedibilita` ta' l-event dannuż;

"*prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-K**ollez. Vol. XXIV. I. 172,** illi tissussisti l-culpa: *quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*

**9.** Fis-**Sentenza tat-18 ta` Awissu 1965 fl-ismijiet Spiteri pro et noe vs Castle** il-Qorti trattat id-differenza fuq il-pjan ġuridiku bejn culpa aquiliana u culpa ex contractu. In partikolari dwar culpa aquiliana rrilevat illi il-colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jiġi kaġonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in ġenerali tan-"neminem laedere" kombinat man-negliġenza taħt l-artikolu 1075 u1076 tal-Kodiċi Ċivili. Dwar il-grad ta` culpa, il-Qorti fissritu bħala dak il-grad ta' colpa li jonqos mill-"istandard" ta' diliġenza tal-"bonus pater familias".

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, li qatt ma deher quddiem din il-Qorti hija fis-sens li din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet Attriċi għaliex qatt ma kien hemm ftehim bil-miktub.

**11.** Il-Qorti tirrileva li l-formalita' waħedha ma tiddeterminax jekk hemmx ftehim jew le. Ftehim huwa kuntratt ossia konvenzjoni jew ftehim

bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni (Art 960 tal-Kodiċi Ċivili). Biex ikun hemm ftehim ma hiex meħtieġa l-forma miktuba sagramentalment ħlief fejn il-liġi tesiġi l-forma taħt piena ta' nullita' għaliex wara kollox mhux meħtieġ mil-liġi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem tagħha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata (art 1232 tal-Kodiċi Ċivili). Billi ċertu partijiet tal-liġi jesiġu l-kitba taħt piena ta' nullita', min-naħa l-oħra l-liġi bl-ebda mod ma trid li tnaqqas il-valur tal-ftehim bonarju, siġillat bil-ftehim bil-fomm, taħt l-insenja ta' irġulija (Ara **Sentenza tat-28 ta' April, 2006 Appell fl-ismijiet Trevor Buhagiar et -vs- Montaldo Insurance Agency Ltd**).

**12.** Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

*Il-mertu*

**13.** Minn eżami tal-provi li ma humiex kontestati mill-konvenut, huwa manifestament ċar li l-konvenut kien sa mill-bidu nett tal-ftehim in *mala fede*. Missier l-Attur kien profetiku meta lil ibnu tah parir biex ma jidħolx għal ftehim mal-konvenut minħabba r-reputazzjoni tiegħu, li jekk tassew huwa Pulizija, din il-Qorti jiddisjaċiha għall-Korp li għandu membru tal-Pulizija ta' dan it-tip.

**14.** Jirrisulta b'mod ċar li l-Attur kien naïve u ħalla lill-konvenut jużah kemm għal flusu u kif ukoll biex iseffaq wiċċu mal-Awtoritajiet fejn jidħlu kwistjonijiet ta' Vat. L-Attur ħareġ ammonti ta' flejjes. L-ewwel tlett xhur kera ħallashom l-Attur fl-ammont ta' €1825 (a' fol 17). Ħareġ ukoll

għaxart elef €10,000 biex jitranġa l-ħanut (a' fol 20). Ħallas għall-items 1, 2, 3, 4, u 7 (a' fol 18). Apparti dan, kellu spejjes ġudizzjarji €1684.04 (a' fol 240). Peress li minħabba l-VAT kellu jikri cash register kien kostrett iħallas ukoll l-ammont ta' €3167 lis-Soċjeta' Grenke Renting Ltd (ara a' fol 212 sa 236). Jirrisulta ukoll li l-flus tal-ġurnata kienu jinġabru mill-konvenut (a' fol 18) u minn imkien ma jirriżulta li l-konvenut qatt ta rendikont lill-Attur. Anzi, dan tal-aħħar spiċċa litteralment barra għal kollox, għaliex il-konvenut biddel is-serraturi tal-post kollha.

**15.** Huwa evidenti li għall-konvenut xejn ma hu xejn, tant li l-anqas quddiem din il-Qorti ma ħass li kellu jidher. Dan huwa evidenti ukoll mill-kwantita' ta' djun li ħalla warajh ma' aġenti tax-xorb u anke arretrati tal-kera. B'dan ma jfissirx li kemm dam jopera l-ħanut ma għamilx qliegħ, li parti minnu huwa dovut lill-konvenut. In-nonkuranza u *non-chalance* tal-konvenut ma titraduċix lilha innifisha f'telf, iżda f'nuqqas ta' għaqal u menefregismu. Għalhekk, il-Qorti tasal ukoll għall-konklużjoni li kien il-Konvenut li ttermina kull ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

**16.** Għalkemm il-konvenut konvenjentement qatt ma ta rendikont lill-Attur u lanqas deher quddiem din il-Qorti biex jagħti spjega ta' x'sar mill-qliegħ, il-Qorti hija dejjem munita bil-prinċipji ta' ġustizzja sabiex l-id twila tal-ġustizzja tagħmel ħaqq fejn tassew ikun jistħoqq li dan isir. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma, li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwitattiva, għalkemm din trid dejjem tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kodiċi Ċivili (Ara **Sentenza fl-ismijiet**

**fl-ismijiet Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**).

**17.** Dawn il-Qrati dejjem għallmu, li ma jistax ikun iddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-applikazzjoni tal-prinċipju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. F'deċiżjoni li tinsab **Vol. XXXV P. III p.615** tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ġie ribadit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni fejn qalet li "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*"*.*

**18.** Għalhekk għaż-żmien li l-konvenut opera l-attivita' kummerċjali mertu ta' din il-Kawża l-Qorti qed tillikwida ex *equo et bono* is-somma ta' sitt elef ewro (€6000) bħala sehem l-Attur mill-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti.

**19.** Bħala sehmu minn negozju l-Attur għandu jieħu sitt elef ewro €6000 u bħala danni dak kollu li ħareġ flimkien mal-ispejjes kollha fuq imsemmija li jammontaw għal sittax-il elf sitt mija u sitta u sebgħin ewro (€16,676).

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u tiddikjara illi l-konvenut b'mod abbużiv u illegali ittermina kull ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

**Tilqa' it-tielet talba** Attriċi.

**Tilqa' ir-raba' talba** Attriċi.

**Tilqa' il-ħames talba** Attriċi u tillikwida d-danni fl-ammont kumplessiv ta' tnejn u għoxrin elf ewro sitt mija u sitta u sebgħin ewro (€22,676).

**Tilqa' is-sitt talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-presentata tar-rikors sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes a' karigu tal-konvenut kif mitluba.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**